A.L. 196 tal-2011

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2011 dwar il-Votazzjoni (Restrizzjoni ta' Aċċess)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin :-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 dwar il-Votazzjoni (Restrizzjoni ta' Aċċess).

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ fit-28 ta' Mejju, 2011.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Kummissjonarju Elettorali Prinċipali" tinkludi kull uffiċjal tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali awtorizzat kif imiss mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali biex jaġixxi f'ismu;

"Kummissarju tal-Pulizija" tinkludi kull uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta awtorizzat kif imiss mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaġixxi f'ismu;

"post tal-votazzjoni" tfisser post fejn tkun se ssir il-votazzjoni u li hu mniżżel fl-Iskeda pubblikata mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali fil-Gazzetta tal-4 ta' April, 2011;

"vettura" tfisser kull vettura kemm immexxija b'forza mekkanika kemm xort'oħra, u kull vettura miġbuda minn bhima;

"votazzjoni" tfisser il-votazzjoni li se ssir fit-28 ta' Mejju, 2011 dwar ir-Referendum.

Vetturi projbiti li jkollhom aċċess għas-Sala tal-Għadd u għall-postijiet tal-votazzjoni.

3. Kemm-il darba ma tkunx awtorizzata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali, ebda vettura ma jkollha aċċess għal xi triq li twassal għas-Sala tal-Għadd f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, fil-Belt Valletta, jew għal xi post tal-votazzjoni u ebda vettura ma għandha tgħaddi minn post fejn ikun hemm sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX - NO ENTRY" jew taqbeż xi barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-Pulizija f'xi post qrib l-imsemmija Sala tal-Għadd jew l-imsemmija postijiet tal-votazzjoni mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 28 ta' Mejju, 2011, sa -

(a) l-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni fil-każ tas-sala tal-Għadd tal-Voti fil-Belt Valletta, u

(b) s-2.00a.m. tal-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2011 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni.

Projbizzjoni temporanja ta' mogħdija.

4. It-traffiku matul Triq il-Mediterran u Triq it-Tramuntana fil-Belt Valletta ikun sospiż mid-9.00 p.m. tas-Sibt, 28 ta' Mejju, 2011 sakemm ikun meħtieġ. Jitħallew jgħaddu biss il-vetturi debitament awtorizzati mill-Kummissjoni Elettorali għall-ġarr tal-kaxxi tal-voti, kif ukoll vetturi oħra li jġorru l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali u uffiċjali oħra tal-Kummissjoni Elettorali, kif ukoll kull persuna awtorizzata kif imiss mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali.

Restrizzjoni għal *pedestrians*.

5. Ebda *pedestrian* ma għandu, kemm-il darba ma jkollux permess maħrug lilu mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali jew kemm-il darba ma jkunx xort'oħra awtorizzat mill-imsemmi Kummissjonarju jew mill-Kummissarju tal-Pulizija, jgħaddi jew jidħol 'il ġewwa minn sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX - NO ENTRY", barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-Pulizija f'xi post qrib is-Sala tal-Ghadd fil-Belt Valletta, jew xi post tal-votazzjoni, mill-5.00 a.m. tas-Sibt 28 ta' Mejju, 2011, sa -

(a) l-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni fil-każ tas-sala tal-Għadd tal-Voti fil-Belt Valletta, u

(b) s-2.00a.m. tal-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2011 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni

hekk li r-restrizzjoni indikata fil-paragrafu (b) m'għandhiex tapplika għal persuni li jkollhom dokument ta' votazzjoni li jagħtihom dritt li jivvotaw f'dak il-post tal-votazzjoni partikolari u waqt li dawk il-persuni jkunu sejrin lejn dak il-post tal-votazzjoni biex jivvotaw jew ikunu ġejjin lura minnu wara li jkunu vvutaw.

Projbizzjoni ta' ipparkjar ta' vetturi.

6. Ebda vettura ma għandha tiġi pparkjata qrib toroq li jwasslu għas-Sala tal-Għadd tal-Voti fil-Belt Valletta, jew xi post tal-votazzjoni 'l ġewwa minn sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX - NO ENTRY" barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-Pulizija f'xi post qrib l-imsemmija Sala tal-Għadd jew l-imsemmija postijiet tal-votazzjoni mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 28 ta' Mejju, 2011, sa -

(a) l-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni fil-każ tas-sala tal-Għadd tal-Voti fil-Belt Valletta, u

(b) s-2.00a.m. tal-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2011 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni.

Projbizzjoni ta' tnikkier.
Kap. 354.

7. Salvi d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 64 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jipprojbixxi lil kull persuna milli toqgħod titnikker qrib toroq li jwasslu għas-Sala tal-Għadd tal-Voti fil-Belt Valletta, jew xi post tal-votazzjoni x'imkien li jkun 'il ġewwa minn sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX - NO ENTRY" barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-Pulizija f'xi post qrib l-imsemmija Sala tal-Għadd jew l-imsemmija postijiet tal-votazzjoni mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 28 ta' Mejju, 2011, sa -

(a) l-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni fil-każ tas-sala tal-Għadd tal-Voti fil-Belt Valletta, u

(b) s-2.00a.m. tal-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2011 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni.

Żmien ta' seħħ u riżerva.

8. Dawn ir-regolamenti għandhom jintemmu mal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni, iżda t-tmiem tagħhom m'għandu jolqot ebda ħaġa li tkun saret jew li tkun naqset milli ssir, jew kull proċediment imwettaq jew li jkun se jitwettaq bis-saħħa tagħhom.